# Animazzjoni - Epifanija tal-Mulej (Sena Ċ)

## Dħul:

Illum il-Knisja tiċċelebra s-solennità tal-Epifanija tal-Mulej. Din is-solennità tal-lum twasslilna l-messaġġ li Alla wera ruħu lill-ġnus kollha tad-dinja għax hu ġie biex isalva lil kulħadd.
Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

## Qari:

Fil-Liturġija tal-Kelma tal-lum, naraw kif is-sebħ tal-Mulej jiddi u jissupera kull tip ta' dlam. Dan jurihulna b'mod speċjali l-Appostlu Missierna San Pawl meta fejn din id-dija deret saħansitra fost il-pagani biex huma ukoll ikunu jistgħu jsiru parti minn din il-komunità Kristjana. L-ewwel pagani li taw qima lil dan il-vera Sultan kienu bla ebda dubju l-Maġi.
Nisimgħu b'attenzjoni l-Kelma t' Alla.

**Salm Responsorjali:** Il-ġnus kollha tal-art jagħtuk qima, Mulej.

## Offertorju:

Kristu ħa n-natura ta' bniedem u hu s-sid tal-ġnus kollha tal-art. Ejjew inroddu ħajr lill-Mulej Alla tagħna billi nressqu dawn l-offerti tagħna lejn l-artal.
Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

## Tqarbin

F'din is-solennità naraw li Alla wera ruħu lill-ġnus kollha tad-dinja sabiex kull min jemmen fih, jgħix. In-nisrani dan jagħmlu fit-tqarbin. F'dan il-mument, Alla mhux biss juri ruħu lilna, iżda jsir parti minna.
Nersqu għat-tqarbin bi spirtu ta' talb u ġabra, filwaqt li nkantaw flimkien.